29.06.2017

# Il-Presidenza Maltija tikseb riżultati tanġibbli bit-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u r-reviżjoni ta' EUROJUST

*"Fil-qasam tal-liġi kriminali l-Presidenza Maltija kisbet riżultati ċari u tanġibbli fuq proposti leġiżlattivi fejn jidħol it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u tar-reviżjoni ta' EUROJUST"*

"Fil-qasam tal-liġi kriminali l-Presidenza Maltija kisbet riżultati ċari u tanġibbli fuq proposti leġiżlattivi fejn jidħol it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u tar-reviżjoni ta' EUROJUST", qal il-Ministru Owen Bonnici waqt il-ftuħ tal-plenarja tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Belt Valletta.

Ir-reviżjoni ta' EUROJUST se tissarraf f'sistema aktar effettiva u aktar koordinata fejn jidħlu investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jinvolvu aktar minn membru stat wieħed.

F'dinja b'żieda ta' kriminalità organizzata u li xi drabi tinvolvi aktar minn membru stat wieħed, kif ukoll fenomeni bħas-*cyber crime*, irridu nkomplu nsaħħu kunċetti bażiċi bħall-fiduċja reċiproka, bħar-rikonoxximent reċiproku, bħall-interdipendenza tas-sistemi legali tagħna, u bħad-dipendenza tal-membri stati f'daqqa, spjega l-Ministru. Dan kollu hu rifless fix-xogħol li għamlet il-Presidenza Maltija.

Il-Ministru Owen Bonnici żied li l-Presidenza Maltija ħadmet fil-qrib mal-Kummissjoni Ewropea biex fost l-oħrajn tinħoloq sistema li tiffaċilita metodu ġdid u effettiv kif l-evidenza elettronika tinżamm u titqassam bejn membru stat u ieħor f'każijiet kriminali li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed.

## 29.06.2017




Photo: DOI - Pierre Sammut

https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35455969942/in/album-72157675458927640/